Ġorġ Mallia

# L-Avventura Msaħħra ta' Melanie u Karl



Storja għat-tfal li qegħdin id-dar għax l-iskola tagħhom magħluqa

NISSE



Ġorġ Mallia

# L-Avventura Msaħħra ta' Melanie u Karl

Storja għat-tfal li qegħdin id-dar għax l-iskola tagħhom magħluqa

NISSE
Malta 2020

Din l-ewwel edizzjoni 2020

Pubblikazzjoni Nisse
Msida, Malta

www.gorgmallia.com

Copyright test u illustrazzjonijiet © Ġorġ Mallia

Qari tal-provi: Joe Cassar

ISBN: 978-99957-1-720-9

Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni miżmuma minn Nisse u Ġorġ Mallia. Dan il-ktieb qed jitqassam b'xejn, u jista' jitqassam fl-istess format minn kull min jixtieq jagħmel hekk, għalkemm ma jista' jsir l-ebda tibdil fix-xeħta, il-kontenut, id-disinn, u l-illustrazzjonijiet tal-ktieb.

Il-karattri u s-sitwazzjonijiet f'dan il-ktieb huma kollha fittizji. Kull xebh li jista' jkun hemm ma' persuni u sitwazzjonijiet veri huwa biss koinċidentali.

# Werrej

Daħla – Ktieb rigal għat-tfal ........... 5
1. Ingħalqu l-iskejjel ......................... 7
2. Il-ktieb tar-regettier .................... 12
3. Il-ktieb li jgħanni ..........................17
4. Dakinhar billejjl ............................ 24
5. Fejn ħadhom il-ktieb ..................33
6. Id-dinja deżert ............................ 40
7. Il-bini iswed ................................. 47
8. Astorett ta' Meħti ......................54
9. Dinja ġo dinja ............................. 61
10. Sħarijiet midfuna .......................69
11. Fejjaq ix-xmara ..........................78
12. Biex id-dinja tgħix ......................86

Lit-tfal kollha ta' Malta u Għawdex
– ħalli jgħixu fl-immaġinazzjoni tagħhom
il-fantasija li hija l-ħajja

# Daħla

# Ktieb rigal għat-tfal

## (nota lill-ġenituri)

Bħalissa, it-tfal kollha ta' Malta u Għawdex qegħdin id-dar, għax l-iskejjel magħluqin minħabba fl-imxija tal-virus Covid-19, li prattikament waqqaf lid-dinja kollha milli tkompli bil-ħajja normali tagħha.

M'għandix dubju li t-tfal qegħdin isibu x'jagħmlu d-dar, megħjuna mill-ġenituri li huma wkoll qed ikollhom joqogħdu d-dar magħhom. Jien qiegħed nittama li fost dawk l-affarijiet li qed jagħmlu hemm il-qari. Dan hu żmien tad-deheb biex it-tfal jintefgħu jaqraw... jaħarbu mir-realtà xejn sabiħa li għaddejjin minnha u jintilfu fid-dinjiet fantastiċi li l-kotba jistgħu jitimgħu lill-immaġinazzjoni tagħhom.

Jien ukoll qiegħed id-dar għax l-Università, fejn ngħallem, magħluqa. Xorta qed ngħallem permezz tal-kompjuter... nikkomunika mal-istaff u l-istudenti l-ħin kollu bl-għajnuna tal-mezzi elettroniċi meraviljużi li għandna llum. Imma qed ikolli wkoll ftit ħin għalija nnifsi biex nipprattika l-kreattività tiegħi... inpitter, inpenġi, nikteb... inħalli l-immaġinazzjoni ġġorrni u teħodni postijiet 'il bogħod minn din id-dar li bħalissa magħluq fiha.

U, fost dawk il-ħlejqiet li ħarġu minħabba f'dan l-għeluq, ġietni l-idea li forsi ma tkunx ħaġa ħażina li t-tfal tagħna jkollhom ktieb li jkun, appuntu, imqiegħed fuq l-isfond tal-bidla kbira fil-mod kif ngħixu li bħalissa għaddejjin minnha lkoll.

U ddeċidejt ukoll li dan il-ktieb ikun fil-forma ta' e-book, f'format popolari, biex kull tifel u tifla li għandhom kompjuter, inkella xi tip ta' tablet, ikunu jistgħu jarawh u jaqrawh.

Għalhekk ippreferejt li jkun .pdf minflok il-verżjonijiet l-oħra tal-e-books, għax dan huwa format li jista' jinqara minn ħafna applikazzjonijiet.

Imma insew l-aspetti teknići għal mument. Il-ktieb huwa fantasija, għalkemm jidħol f'ċerti kwistjonijiet relatati mal-qirda tal-ambjent, li hija tema għal qalbi ħafna u li ta' spiss tkun l-idea ewlenija f'ħafna mill-kotba tiegħi tat-tfal. Imma hija xorta waħda fantasija... bl-intenzjoni li tinqara għall-gost. It-tagħlimiet, jekk qegħdin hemm, qegħdin fil-qalba u mhux fil-prinċipal. Hemm għan għal dan il-ktieb li qiegħed żgur fil-quċċata tal-intenzjonijiet kollha. Li t-tfal jaqraw. Mhux għax inġegħluhom jaqraw, imma għax jieħdu gost jagħmlu hekk. Għax il-kotba li jaqraw iferrħuhom... jiftħulhom l-immaġinazzjoni tagħhom, li hija kbira immens... wisq akbar, forsi, milli aħna l-kbar qatt nistgħu nimmaġinaw.

Jiena u nikteb din l-istorja, poġġejt lili nnifsi fil-qalb ta' tifel żgħir, nirrakkonta waħda mill-istejjer li tant kont inpaspar minnhom qabel ma kbirt u r-realtà daħlet fin-nofs u qaltli li dak kollu li ħlomt ma setax iseħħ.

Ħallu t-tfal joħolmu. Ħeġġuhom jaqraw biss dak li jieħdu gost bih. Iva, qed nittama li dan il-ktieb rigal ikun wieħed minn dawk il-kotba. Jintroduċi żewġ karattri ħelwin... tipiċi tat-tfal Maltin li bħalissa qed jistabtu ma' erba' ħitan u jġennukom bil-kummenti, bl-ilmenti, bil-fatt li ma jistgħux jifhmu għaliex qed jiġri dan li qed jiġri.

Forsi tajjeb infehmuhom li lanqas aħna m'aħna nifhmu.

Ħajr lil dawk kollha li ħeġġewni jien u nikteb dal-ktieb. Ħajr l-ewwel u qabel kollox lil Joe Cassar, li qara l-provi u kkummentali fuq l-ewwel draft tiegħu. Grazzi lil Cristina, in-neputija, li ttestjatu, taqsima taqsima, jien u niktbu. Ħajr lill-media li ppromwovietu. U ħajr lilkom li niżżiltuh u qrajtuh... intom stess u għal uliedkom.

**Ġorġ Mallia**
Marzu, 2020

# 1.
# Ingħalqu l-iskejjel

"Jiġifieri ma nistgħux noħorġu barra?" staqsiet Melanie b'għajnejn kbar li kważi kważi kienu se jibdew idemmgħu.

"Nistgħu noħorġu," qalet il-mamà, "imma ma tistgħux tkunu qrib tfal oħra. Imbilli mmorru passiġġata ma jkun ġara xejn, imma rridu nżommu 'l bogħod min-nies."

"Mela kemm hi kattiva dil-marda?" kien pront qal Karl, li kien qagħad sieket jisma' kollox. "Biex lanqas man-nies l-oħra ma nistgħu noqogħdu!"

"Tista' tkun kattiva ma' min ma jiflaħx jew max-xjuħ," qal il-papà. "Għalhekk irridu noqogħdu attenti... li ma mmorrux nieħdu l-virus u nispiċċaw ngħadduhulhom bla ma nafu."

Melanie nfaqgħet fl-aħħar, tolfoq u tibki kemm tiflaħ, donnha qalbha trid toħroġ. Il-mamà ħaddnitha magħha u kkalmatha kif setgħet.

Meta l-ilfiq batta xi ftit, għajnejn Melanie



telgħu lejn wiċċ ommha, "Imma jien in-nanniet inħobbhom!" qalet b'nofs twerżiqa hekk kif reġgħet bdiet tibki.

"U mhu se jiġrilhom assolutament xejn jekk ma mmorrux narawhom għalissa, u joqogħdu weħidhom id-dar," qalet il-mamà tmellsilha xagħarha u tagħfasha magħha. "Isa, kollox jgħaddi b'wiċċ il-ġid, imma sadanittant irridu noqogħdu d-dar kemm nistgħu."

"Lanqas għand Paul ma nista' mmur?" staqsa Karl, li donnu kien għadu ma fehemx kollox. "Se nimmissjah ħafna issa li l-iskola magħluqa."

"Mhux għalissa," qaltlu l-mamà. "Xi tgħid jekk, meta jgħaddi kollox, nagħmlu party u nistiednu lill-ħbieb tagħkom kollha, eh?"

Il-papà kemmex ftit moħħu. "Martina, ma taħsibx li wara li jintemm kollox għal ftit xorta mhux se nkunu nistgħu niltaqgħu ħafna nies flimkien?"

Il-mamà tatu daqqa ta' sieq minn taħt u ħarset lejh bl-ikrah. U fehem. Ma setgħux jgħidu hekk lit-tfal li diġà kienu mwerwrin minn sitwazzjoni li qatt ma kienu għaddew minn waħda bħalha

qabel. Xi ftit jew wisq kien inkwetat, imma kien jaf li jekk jirnexxilhom jibqgħu ġewwa kemm jista' jkun bħala familja, u jżommu 'l bogħod minn kulħadd, mela kollox kien se jgħaddi b'wiċċ il-ġid.

Martu u hu kienu diġà tkellmu ħafna kif kien se jirnexxilhom jokkupaw liż-żewġt itfal tagħhom, li ma kinux assolutament imdorrijin ikunu msakkrin ġewwa... lanqas għal ġurnata, aħseb u ara għal ġimgħat sħaħ. Jekk it-temp ikun sabiħ, setgħu marru għal passiġġata fil-kampanja, iżommu distanza 'l bogħod minn min jinzerta jkun hemm... imma l-bqija tal-ħin ried jitqatta' mod ieħor.

"Imxu ħa naraw Frozen fuq it-televixin," qalet il-mamà, u sfurzat tbissima. Dak kien il-film favorit tagħhom tal-mument għax kienu raw it-tieni wieħed fis-sensiela ċ-ċinema qabel ma faqqgħet l-aħbar dwar il-virus li kien qed idur mad-dinja kollha u jinfetta lil ħafna nies.

Malli ngħalqu l-iskejjel, u kemm Martina kif ukoll Tony sabu li setgħu jaħdmu mid-dar, id-deċiżjoni li jibqgħu d-dar kemm jista' jkun kienet

waħda sempliċi. Aktar ma kien hemm nies lesti li jagħmlu bħalhom, inqas kien hemm ċans li l-marda tixtered malajr u inqas kien se jkun hemm nies fil-periklu.

Imma Melanie u Karl kienu fuq ruħhom ħafna... agħtihom jiġru 'l hemm u 'l hawn u tgħidilhomx joqogħdu bilqiegħda għal aktar minn kwarta, għax tagħtihom rashom.

Jiġifieri l-kbir kien għadu ġej.

# 2.
# Il-ktieb tar-regettier

Dakinhar filgħaxija, Karl daħal fil-kamra ta' Melanie, li kienet fuq is-sodda qed taqra ktieb li kienet qalgħet fil-Milied, u li sa issa ma kellhiex ċans taqrah.

"X'qed tagħmel?" staqsieha ħuha ż-żgħir. Kellu ħabta, Karl, jistaqsi ħwejjeġ għal xejn b'xejn. Hekk, biex ikun Karl.

"X'taħseb li qed nagħmel?" qaltlu oħtu b'dik il-ħarsa ta' għeja li dejjem kien ikollha fuq wiċċha meta Karl jistaqsi xi ħaġa stupida.

"Xi ktieb hu dak?" staqsa mbagħad u qabeż għal fuq is-sodda ħdejha.

"Ħej," għajtet hekk kif is-saqqu qabeż taħtha.

"Dal-ktieb li tatni z-zija Ġuża fil-Milied," qaltlu.

"Fuqiex inhu?" sostna Karl li, ovvjament, ma kellux x'jagħmel, allura kienet loġika għalih li jmur idejjaq lil oħtu.

"Avventura misterjuża," qaltlu, "issa ħallini

ħa nkompli naqra. Għax ma tmurx issib ktieb int ukoll? Għandek l-ixkaffa mimlija kotba li qatt ma qrajt."

"Taf li ma nħobbx naqra," qal Karl, u dendel xofftu.

"Iva, naf, imma forsi dan iż-żmien perfett biex tibda," qaltlu oħtu, li qatt ma kienet tmur imkien jekk ma jkollhiex ktieb magħha. U kienet qalgħet iPad għall-birthday, u l-papà kien xtralha ħafna e-books tat-tfal li kienet taqrahom kull ċans li jkollha.

Karl le, imma. Tih jilgħab il-video games, u tagħtihx ktieb. Imma issa deher li lanqas video-games ma kellu aptit.

"Għidhieli l-istorja," qal... u b'dal-mod wera lil oħtu li ma kellu l-ebda intenzjoni jiċċaqlaq minn fejn kien.

Melanie ħadet nifs qawwi 'l ġewwa. Kienet taf li meta Karl ikun f'dik il-burdata, ma kien se jirnexxilha taqilgħu minnha b'xejn. U ċediet.

"Il-ktieb dwar tifla jisimha Katie li ssib ktieb misterjuż għand wieħed regettier," qaltlu, u


Once
Upon
A Time
A Collection of Bedtime Stories
Written by
Marthina Smith

wrietu l-istampa ta' tifla tqalleb qalb il-kotba f'ħanut antik u mudlam.

"Regettier xi jkun?" Karl ma kienx fehem.

"Regettier xi ħadd li jkollu ħanut li fih ibigħ ħwejjeġ second-hand," qaltlu oħtu.

"Kompli, kompli," Karl kien bla paċenzja.

"Kif għedtlek, sabet dal-ktieb u dan bħal sejħilha, u..."

"Sejħilha kif?" staqsa Karl, li issa kien żaqqu 'l isfel fuq is-saqqu, geddumu f'idejh it-tnejn, jistenna lil oħtu tirrakkonta.

"Hekk... bħal kantalha għanja ġo moħħha u ġo qalbha... ħassitha aktar milli semgħetha."

"U x'kienet l-għanja?" Meta jibda jistaqsi, Karl, ma jiqafx.

"Qaltilha biex tixtri l-ktieb u tieħdu magħha d-dar," qalet Melanie, li tassew kienet daħlet b'ruħha u ġisimha fil-plott tal-ktieb.

"U xtratu?"

"Iva."

"Imbagħad x'ġara?"

"Meta waslet id-dar bih sabet li l-ktieb kien

mimli paġni vojta. Ma kien hemm xejn miktub fihom. U ma baqax isejħilha aktar," qaltlu. "Qallbet kemm felħet fih, imma għalxejn."

"X'diżappunt!" qal Karl.

"Iva, hekk ħassitha, u poġġietu fuq l-ixkaffa tal-kotba tagħha u daħlet torqod."

"Imbagħad?"

"Ma nafx. Hemm wasalt. Issa aħna wkoll irridu norqdu, għax daqt tisma' l-mamà tirrabja," qalet Melanie waqt li għalqet il-ktieb. Karl fehem li ma kienx se jikkonvinċi lil oħtu tkompli taqra biex tgħidlu l-istorja, ċeda u mar lura f'kamartu.

U t-tnejn li huma ma damux ma kienu reqdin.

# 3.
# Il-ktieb li jgħanni

Għaddew jumejn minn dakinhar.

Melanie u Karl, flimkien mal-mamà u l-papà, irnexxielhom jimlew il-ħin tal-ġurnata. Daqqa jagħmlu ftit homework li kienu bagħtulhom l-għalliema tagħhom bl-email, daqqa jagħmlu jigsaw puzzle, kultant jaraw ftit televixin tat-tfal, jgħinu lill-ġenituri tagħhom f'li kienu qed jagħmlu huma... u Melanie, taqra. U Karl jiffittaha biex tgħidlu l-istorja, flok jaqra hu stess.

"Kieku taf kemm tiftaħ moħħok jekk tibda tħobb il-qari, Karl," qaltlu kemm-il darba l-mamà... imma t-tifel qatt ma ried jaf. Kellu ħafna kotba fil-kamra, imma għalkemm kultant kien iniżżel xi wieħed minn fuq l-ixkaffa u jqalleb fih, kien jitlef il-paċenzja malajr u jitilqu hemm wara ftit.

Madankollu Karl kien tifel bravu. Il-marki tiegħu tal-iskola ma kinux ta' barra minn hawn... imma kien jgħaddi tajjeb, għax xogħlu xi ftit jew

wisq kien jagħmlu. Imma l-qari kien għalih wara ħajt kbir impossibbli li jaqbżu.

Mhux hekk Melanie. Kull darba li tieqaf minn xi ħaġa li kienet qed tagħmel, taraha taħtaf il-ktieb u taqra ftit paġni. U kultant tant kienet tintilef li lanqas lill-mamà ma kienet twieġeb meta tkellimha.

U Martina kienet tiggustaha bi tbissima u tħalliha bi kwietha, mitlufa fid-dinja li kien ħolqilha l-awtur.

Dakinhar filgħaxija, hekk kif reġgħet kienet fis-sodda, mgħaddsa kollha kemm hi fil-ktieb, reġa' daħal Karl inkiss inkiss f'kamritha, u ħasadha hekk kif qabeż għal fuq is-saqqu.

U kompla jaqbeż, b'Melanie timmolla tant li ma setgħetx tkompli taqra. Irrabjat miegħu u qaltlu biex jieqaf, imma hu ma riedx jaf. B'daħka nkejjuża kompla jaqbeż sa ma qabżet fuqu hi u sammritu mas-saqqu, tant li ma setax jiċċaqlaq.

"Ħallini," għajjat, imma Melanie kienet akbar minnu u rnexxielha trażżnu.

Xħin, wara ftit, waqaf jissara, telqitu. "Issa mur lura f'kamartek ħa nkompli naqra," qaltlu.

"Le. Għadek m'għedtlix kif kompliet l-istorja ta' Katie," qalilha b'dik il-ħarsa fuq wiċċu li tant kienet taf.

"La llesti l-ktieb ngħidhielek," qaltlu oħtu. "Għad baqagħli biċċa sew biex illestih. Issa mur orqod."

"Le," reġa' l-fitt. "Għidli x'ġara mill-aħħar darba li għedtli."

Kienet taf li għalxejn targumenta. Ħuha kien bħal nemusa fitta li ddur ma' rasek billejl. Tqajmek, tixgħel id-dawl, tipprova ssibha u ma tarahiex, imma malli terġa' timtedd terġa' tibda żżarżar sa ma ġġennek. Kienet taf li l-uniku mod kif twaqqaf il-fittaġni tiegħu kien billi tagħtih dak li ried.

Niżżlet il-ktieb fuq is-sodda u bdiet tirrakkontalu.

"Katie kienet rieqda fil-fond dakinhar li xtrat il-ktieb," qaltlu, "meta f'daqqa waħda reġgħet

semgħet il-ktieb ikantalha. Kienet għanja ta' dwejjaq kbar li daħlet fil-ħolm tagħha u bidlithom fi ħmar il-lejl."

"Kif?" qabeż Karl.

"Qabel il-kanzunetta kienet qed toħlom li kienet fi ġnien kbir, mimli bil-fjuri u siġar kbar... kullimkien aħdar madwarha, barra l-kuluri tal-fjuri u s-sema blu. Imma malli bdiet il-kanzunetta, il-fjuri dbielu f'daqqa u l-aħdar tal-ħaxix sar isfar, qisu tiben. U l-weraq waqgħu f'daqqa minn fuq is-siġar, u ġew zkuk biss bħalma jkunu fl-eqqel tax-xitwa."

"X'biża'," qal Karl li, iżda, il-ħarsa fuq wiċċu ma kienet imbeżżgħa xejn.

"Kompliet miexja biex tara minn fejn kienet ġejja l-għanja, u hemm, fit-tarf ta' rdum għoli, rat il-ktieb li kienet xtrat. Miftuħ. U ħasset li l-għanja kienet ġejja minnu. Qorbot lejh u rat li ż-żewġ faċċati li kienu miftuħin ma kinux aktar vojta, imma kien hemm il-kitba fuqhom... miktuba fi stil antik, b'ħafna tidwir u linji... donnha kienet miktuba bl-idejn."



“U x’kien hemm miktub?” staqsa Karl, f’daqqa waħda ħerqan biex ikun jaf.

“Dik kienet il-problema,” qalet Melanie. “Il-kitba kienet b’lingwa li Katie ma kinitx taf. Jiġifieri ma setgħetx tkun taf x’kien hemm miktub. U meta marret aktar qrib u ppruvat tqalleb il-paġni, il-ktieb ingħalaq f’daqqa u sparixxa taħt idejha.”

Waqfet għal ftit biex tieħu n-nifs.

“Malli sparixxa l-ktieb, semgħet ħoss qawwi, u qamet f’daqqa mir-raqda li kienet fiha. Sabet li l-ktieb li kienet xtrat kien waqa’ waħdu minn fuq l-ixkaffa u stabat mal-art. Ħarġet mis-sodda, refgħetu u qallbet fih, imma l-paġni kienu kollha vojta mill-ġdid.”

“Imbagħad?”

“Ma nafx. Hemm wasalt.”

“Uff, għax ma qrajtx aktar?”

“Għax għandi ħija joqgħod jiffittani u ma jħallinix naqra, għalhekk,” qaltlu Melanie, irrabjata. “Issa se tmur torqod, jew le? Sar il-ħin u minħabba fik mhux se jkolli ċans naqra biċċa oħra.”

Kien jaf li ma seta' jieħu xejn aktar mingħand oħtu. Xorta, iżda, tefgħalha l-imħadda għal rasha qabel ma qabeż minn fuq is-sodda. Inkella ma jkunx hu.

U waqa' s-skiet fuq id-dar ta' Melanie u Karl, hekk kif il-lejl dallam lil Malta.

# 4.
# Dakinhar billejl

Melanie qamet b'ħasda.

Għal mument lanqas fejn kienet ma kienet taf, jew x'ħin kien, tant kienet mitlufa, imma mbagħad irrealizzat li kien għadu d-dlam u l-arloġġ fuq il-komodina qalilha li kienu l-erbgħa ta' filgħodu.

X'kien qajjimha? Mhux ħoss, xi ħaġa oħra. Xi ħaġa li missitha.

Ħarset madwarha, imma fid-dlam tal-kamra ma kienet qed tara xejn. Lanqas night light ma kellha, għax id-dawl ma kienx iħalliha torqod. Xenglet rasha. Bilfors li kienet ħolma, mela. U ġibdet il-friex fuqha biex terġa' tipprova torqod.

U dak il-ħin semgħet il-leħen ħafif, jitkellem bl-Ingliż.

"Don't make a noise, please… it's ok."

Għajnejha nfetħu beraħ u idha

awtomatikament għafset is-swiċċ tal-lampa. Il-kamra mtliet bid-dawl u Melanie nħasdet.

Hemm, f'ħoġor is-sodda, kien hemm tifla, irqiqa b'xagħarha isfar. Kienet wieqfa dritta, u kienet qed tħaddan magħha ktieb illegat sabiħ.

Melanie għamlet minn kollox biex ma twerżaqx, u rnexxielha bil-ħniena.

"Min int?" qalet minn taħt l-ilsien.

It-tifla xenglet rasha. "I don't know your language," qaltilha bl-Ingliż.

Mnejn kienet tafha lil dik? Melanie daħlilha l-ħsieb li dik it-tifla kienet familjari. Imma żgur li qatt ma kienet iltaqgħet magħha qabel għax kieku kienet tiftakarha.

"Who are you and how did you get in here?" staqsietha, bilqiegħda fis-sodda issa.

It-tifla baqgħet fejn kienet.

"My name is Katie," qaltilha, "and I don't know how I got here. I don't even know where here is."

Katie!



U issa rrealizzat fejn kienet ratha lil dik it-tifla qabel. Fit-tpinġijiet li kien hemm fil-ktieb li kienet qed taqra! Dik kienet it-tifla li kienet xtrat il-ktieb. U dak li kellha magħha bilfors li kien il-ktieb innifsu.

Xenglet rasha. Kienet qed toħlom, mela. Minn hawn u ftit ieħor kienet se tqum u l-ħolma tkun diġà sparixxiet minn moħħha.

Mela għaliex kien hemm dak is-sens qawwi ta' realtà? Għaliex kollox donnu kien ta' veru? Imma dak li noħolmu naħsbu li hu ta' veru aħna u noħolmuh, reġgħet qalet lilha nnifisha.

Ma setgħetx tqum u tmiss lil dik it-tifla biex tara jekk hix ta' veru, għax il-mamà qaltilha kemm-il darba f'dawk l-aħħar jiem li ma setgħetx tmiss ma' nies oħra minħabba fil-marda tal-virus.

Imma dik it-tifla li qalet li jisimha Katie solviet id-dilemma hi billi resqet lejha.

Melanie nġibdet lura. "No," qaltilha. "The virus..."

Katie xenglet rasha bil-qawwa. "Where I come from there is no virus," qaltilha. "Don't worry..."

“Where do you come from, then?”

“From a country created by a writer. I am not real, Melanie. I am a character in a story. But this book has made me come to life.”

Melanie ma riditx temmen lil widnejha. Jiġifieri din it-tifla ma kinitx ta’ veru. Mela kif kienet quddiemha issa?

Poġġiet bilqiegħda fuq is-sodda ħdejn riġlejn Melanie.

“Do you want to hear the story as I now think it happened?” qaltilha.

Melanie ċaqilqet rasha. Kienet għadha konvinta li din kienet ħolma, imma aktar ma għadda l-ħin, aktar kienet qed issir reali.

“I think I came here because you are reading my book... the book in which I am the main character, I mean,” qaltilha. “It must be the bridge. Back in my world, when this book fell off my shelf, I opened it and there was no writing in it again, but I was curious and kept on going through every page, till suddenly I came to two black pages... completely black. Only

they weren't black pages... it was a hole, and some sort of force pulled me into it." Katie dehret mifxula. "And suddenly I found myself here, at the foot of your bed. I noticed the book on your bedside table and pieced the whole story together in my mind."

Melanie reġgħet xenglet rasha. Din fantasija. Din meravilja. Kif jista' jkun li dan kollu kien veru?

"Please come with me inside the book," qaltilha Katie. "It keeps on singing to me to do that... because the world is in great danger and it knows how to save it... or at least help it."

Melanie nfixlet waħda sew. Din kienet ġennata. U xorta ma kinitx qed temmen li dan kollu kien qed jiġri tassew.

U dak il-ħin il-bieb ta' kamritha tbexxaq bil-mod il-mod u rat lil Karl hemm, fix-xaqq tal-bieb, iħares ġewwa.

"Idħol, Karl," qaltlu bi tpespisa feroċi. Karl daħal, imma għajnejh ma qalagħhomx minn fuq Katie.

"Dik min hi?" staqsa, għajnejh qishom

plattini, kbar u tondi. “Ma stajtx norqod. Kont qed nilgħab logħba fuq il-mowbajl meta smajt bħal diskors ġej mill-kamra tiegħek.”

“Dik Katie... il-karattru tal-ktieb li qed naqra.”

Karl ħares lejha b’ħarsa li qaltilha li kien jaf li oħtu żbuxxlat.

“Le... tassew... min hi? U kif daħlet hawn?”

Melanie qabdet il-ktieb minn fuq il-komodina u fetħitu fejn kien hemm l-istampa ta’ Katie qed toqrob lejn il-ktieb miftuħ. Urietha lil Karl, li ħares lejha, imbagħad lejn Katie, imbagħad lejn l-istampa mill-ġdid. Poġġa idu ma’ wiċċu u xengel rasu kemm felaħ.

“Kif jista’ jkun?” staqsa.

“Ma nafx... imma hawn qiegħda.”

Sadanittant Katie baqgħet siekta, bilqiegħda fejn kienet fit-tarf tas-sodda. Riedet tħalli lill-aħwa jgħidu tagħhom, avolja minn dak kollu li ntqal ma kienet qed tifhem xejn.

“Tridni mmur magħha ġol-ktieb,” qaltlu, wara li spjegatlu x’kienet qaltilha Katie.

“U ma tarax!” kien pront qal Karl.

“Il-ktieb qed jgħidilha li d-dinja qiegħda f’periklu kbir... u li hu jista’ jgħin.”

Karl siket. “Il-virus?” staqsa.

“Ma nafx,” qalet Melanie. “Jista’ jkun. Jiġifieri jien lesta li nissugraha.”

Karl reġa’ xengel rasu. Deher akbar milli kien f’daqqa waħda. “U kif se nispjegaw dan kollu lill-mamà u ’l-papà?” staqsa.

“Le... ma ngħidulhom xejn. Aħna mhux kemm naraw jekk dan kollu hux veru? Jien ngħidlek li din ħolma.” U qarset idha biex tiċċekkja... u l-ħarsa ta’ wiċċha qalet lil Karl li kienet weġġgħet tassew.

“OK,” qal. “OK.”

Katie bħal fehmet li l-aħwa kienu qablu u qamet minn fejn kienet. Poġġiet il-ktieb kbir fuq is-sodda u bdiet tqalleb fih sa ma sabet il-paġni suwed.

Karl ħataf id Melanie hekk kif qorbu lejn Katie, li kienet qed tittawwal ġol-ħofra kbira ħafna li minn fejn kienu dehret bla qiegħ.

U, f’daqqa waħda, u bla ma jafu kif, bħal riħ

qawwi ħareġ mill-ħofra, dar dawra magħhom, u f'kemm ili ngħid, ġibidhom għal ġod-dalma kbira li kien hemm fil-ħofra.

# 5.
# Fejn ħadhom il-ktieb

Ma setgħux jifhmu x'kien qed jiġri.

Ħassewhom jagħqdu, bħal meta jkunu fuq ir-roundabout tal-playing field, iduru u jduru bla kontroll... u ġisimhom jgħaddi lil moħħhom hekk kif it-tnejn itellqu ma' xulxin.

Id-dlam li waqgħu fih ma damx wisq u minfloku issa kien hemm ċrieki ta' kuluri... qawsalli tondi jduru ġo xulxin itiru madwarhom. U ġisimhom ma kellu l-ebda toqol. Kienu rix maqbudin f'riefnu... le, f'uragan, tromba żżeffinhom minn naħa għall-oħra hekk kif is-sensi ma baqgħu jagħmlu l-ebda sens u ħsiebhom sploda f'elf lewn u elf berqa u elf splużjoni ta' fantasija.

Imbagħad, f'daqqa waħda, sparixxa kollox, u saqajhom kienu sodi mal-art, u waqfu ħdejn xulxin iħarsu madwarhom.

"Fejn qegħdin?" staqsa Karl. Ma kellha



l-ebda dubju Melanie li kien se jkun Karl li jistaqsi xi ħaġa hekk.

“This is where I was before,” qalet Katie. “And look... my book is gone! Did we leave it back in your room?”

Tassew, il-ktieb ma kienx ġie magħhom f’dal-post. Iva, x’aktarx kien għadu fil-kamra ta’ Melanie.

Jew le?

Għanja ħelwa mimlija bit-tisfira ta’ flawt ħafif u qabbieżi, imlitilhom moħħhom.

“That’s the book’s song,” qalet mill-ewwel Katie.

“Mela hawn qiegħed il-ktieb,” qalet Melanie lil Karl. “Jekk irridu mmorru lura d-dar, irridu nsibuh.”

Mhux għax kellhom xi għażla dwar dan. L-għanja, bħal kanzunetta ferrieħa kantata minn elf għasfur hieni, kienet qed iġġebbdilhom ħsiebhom... donnha ħabel irqiq imma b’saħħtu li fit-tarf tiegħu kellu ganċ imqabbad f’moħħhom.

U xi ħadd jew xi ħaġa kienu qed jiġbdu l-ħabel, u miegħu ġibdu lit-tfal lejn fejn xtaqu huma.

Melanie ħarset madwarha. Kienu qegħdin ġo għalqa kbira ħafna... tant kienet kbira li ma setgħetx tara fejn intemmet fix-xefaq ’il bogħod. L-art kienet niexfa u ħlief għal xi sbul ta’ tiben isfar, ma kien hemm xejn jikber fiha. Madwarhom, iz-zkuk ta’ siġar mejta mlew kullimkien, bi friegħi imneżżgħa minn kull werqa jġebbdu dirgħajhom lejn is-sema griż... donnhom dirgħajn ta’ skeletri bla ħajja. Kollox kien sieket, u ma kien hemm xejn ta’ ferħ ħlief għall-għanja tal-ktieb li mlitilhom moħħhom.

Imxew b’ħeffa kbira ’l quddiem, imma donnhom ma kienu qed jaslu mkien, għax madwarhom baqgħet dejjem l-istess xena kerha u ta’ dwejjaq kbar.

Imbagħad, f’daqqa waħda, raw bħal dawl inemnem fil-bogħod.

“Hemmhekk,” kien pront qal Karl. “Naħseb li hemm qiegħed il-ktieb.”

Ħaffew il-pass, riġlejhom itiru minn fuq żrar irqiq

ippuntat li bil-ħniena ħassewh taħt saqajhom, għax ħsiebhom kien mimli bl-għanja u xejn aktar ma kien importanti.

U wara aktar mixi, ħin li ħassewh eternità, waslu fejn kellhom jaslu... lejn fejn ġebbdithom l-għanja. Hemm kien il-ktieb quddiemhom, miftuħ, eżatt kif kien deskritt fl-istorja li kienet qed taqra Melanie u li kienet irrakkuntat lil ħuha.

"The writing is there again," qaltilhom Katie. "But it's in a language I don't understand, so I don't know what's in it."

It-tfal qorbu aktar lejn il-ktieb. Bil-mod, donnu kien xi ħaġa tal-biża', jew li kienu qed jistennew xi ħaġa tiġri f'daqqa li kienet se taħsadhom. Imma xejn ma ġara. Il-ktieb kien hemm, miftuħ fuq żewġ faċċati li kienu bejn wieħed u ieħor fin-nofs tiegħu, u li fuqhom kien hemm vrus ta' kitba.

U hemm kien ix-xokk.

"Dil-kitba bil-Malti," għajtet Melanie, lanqas biss tintebaħ fis-sorpriża tagħha li Katie ma kinitx qed tifhimha.

"It's in Maltese," spjegalha minflok Karl.

“So that’s the other connection,” qalet Katie. “You reading the book with my story in it was one, and the text here being in Maltese is the other. That’s why it led me to you.”

Karl kien qed jipprova jaqra l-kitba elaborata, imma kien qed isibha diffiċli. Barra minn hekk, il-qari tiegħu bil-Malti ma kienx pinna. “Għinni naqra x’hawn miktub,” qal lil oħtu.

Melanie niżlet għarkupptejha quddiem il-ktieb u bil-mod il-mod bdiet taqra.

*“Jiena l-oraklu ta’ Astorett, is-saħħar ta’ Meħti.*
*Aqra sewwa dan li hawn u agħmel dak li ssib fih.*
*Sib ix-xmara l-ħamra li tnixxi mill-għajn tal-mard.*
*Fittex il-ħuta vjola li tagħti r-rigal prezzjuż.*
*Fejjaq ix-xmara biex id-dinja tgħix.*
*Ħu l-ewwel pass billi taqleb dil-paġna.*
*Kuraġġ u saħħa l-għodod li jwassluk.*
*Dawk u l-imħabba għal għajrek.”*

Waqfet. “Daqshekk hemm,” qalet.

“Jien ma jien qed nifhem xejn,” kien pront qal Karl, għajnejh miftuħin beraħ.

“Lanqas jien,” qalet oħtu, mifxula xxengel rasha.

“What does it say?” staqsiethom Katie. U Melanie qalbet għall-Ingliż il-kliem stramb li kienet għadha kif qrat.

“But... but... I know where the red river is!” qalet b’ħerqa kbira malli waqfet tispjegalha Melanie.

“You do?”

“Yes. I dreamt of it. But,” u għajnejha ddellu, “that was another dream. Another place. So it’s no good to us.”

“Imma żomm,” qal Karl. “M’hemmx miktub li trid taqleb il-paġna?”

“Iva, kos,” qalet Melanie, li tant kienet infixlet li nsietha dik il-parti. U qalbet il-paġna.

Fil-pront splużjoni ta’ lwien il-qawsalla laqtithom b’qawwa kbira u ntilfu minn sensihom.

# 6.
# Id-dinja deżert

Għall-ewwel kien hemm biss id-dlam. Dlam ċappa li fih ma tara xejn. Jekk kien possibbli, dlam aktar iswed mid-dlam ċappa tal-lejl.

Imbagħad, bħal xaqq ta' dawl... donnu ħajta bajda rqiqa, tfaċċa fuq ix-xefaq. U beda jżid bil-mod il-mod, sa ma sploda f'daqqa u sar qawwi daqs ix-xemx tal-għodwa.

Melanie qamet bilqiegħda fejn kienet, u rat lil Karl iqum bil-mod il-mod ukoll. Lil Katie ma setgħet taraha mkien.

"X'ġara?" staqsa Karl bil-vuċi li soltu jkollu meta l-mamà tipprova tqajmu għall-iskola. "Fejn aħna?"

Melanie kienet se tgħidlu li għalxejn jistaqsi mistoqsijiet li kien jaf li la hu u lanqas hi ma kellhom tweġiba għalihom... imma kienet storduta wisq u ma qalet xejn. Minflok ħarset madwarha.

Ma kinux aktar fl-għalqa fejn kien hemm il-ktieb. Issa kienu f'nofs ta' triq twila, li minn fejn kienu baqgħet sejra sa ma sparixxiet fil-bogħod. U madwar it-triq kien hemm il-baħħ... bħal deżert mingħajr ramel, imma li ma kien fih xejn. Lanqas siġra waħda. Lanqas xitla jew fjura. Xejn. Baħħ assolut.

"Il-ktieb bagħatna hawn għal xi raġuni," qalet lil ħuha meta reġgħet sabet leħinha. "Bilfors li xi mkien 'l hawn hemm dik ix-xmara li kien hemm fil-kitba."

"Ix-xmara l-ħamra," qal Karl. "Ngħid jien, xmara kif issir ħamra?"

"Mhux bid-demm, nittama," qalet Melanie, għajnejha miftuħin beraħ.

"U le, x'inti tgħid," qal Karl... imma leħnu kien inċert, donnu għaddielu l-ħsieb ħażin li oħtu seta' kellha raġun. "X'se nagħmlu?"

"Xi tridna nagħmlu? Nimxu," qalet Melanie, u reġgħet xtaqet li kienu libsin żarbun meta waqgħu ġol-ħofra fil-ktieb. L-art kienet iebsa u saqajhom kienu se jweġġgħu ħafna mal-mixi.

“U Katie fejn hi?” staqsa Karl. Mill-ġdid mistoqsija li kien jaf li oħtu ma kinitx taf twieġeb.

“Naħseb li l-ktieb bagħatha xi mkien ieħor. Għalxejn nippruvaw nifhmu fejn. Immorru?”

U bdew mixjin, għall-ewwel b’ċerta ħeffa, imma malajr għajew, u l-qigħan ta’ saqajhom kienu qed iħossuhom misluħin.

U sadanittant xorta ma raw xejn u lil ħadd, ħlief il-medda ta’ triq quddiemhom, li donnha ma kienet tintemm qatt.

“Għajjejt,” tniehed Karl.

“Ma nistgħux nieqfu,” qaltlu Melanie. “Xi mkien irridu naslu. Ma jistax ikun li din it-triq tibqa’ sejra għal dejjem.”

“Fejn taf?” staqsa ħuha b’rabja. “Forsi hekk tagħmel! U kif taf li mixjin fid-direzzjoni t-tajba? Ma stajniex morna n-naħa l-oħra wkoll?”

Dan kien ħsieb li kien qed ikiddha lil Melanie, u ma qaltlu xejn. Kienet intuwizzjoni li qaltilha lejn liema naħa għandhom jimxu. Xejn aktar. Imma setgħet ma kienet intuwizzjoni xejn, għax ma kienx hemm x’jiġġustifika l-għażla tagħha.

Baqgħu mixjin u nnutaw bidla fl-arja. Filwaqt li sa issa kienet arja xotta, kif immaġinaw tkun f'deżert, issa l-arja kienet donnha aktar niedja, iħossuha ħafif ħafif ma' wiċċhom.

"Qed tħossha?" staqsiet Melanie.

Ħuha ċaqlaq rasu. "Xi tfisser, taħseb?"

"Ma nafx, imma jista' jkun li tfisser li hawn l-ilma xi mkien. Ħafna ilma, tant li jaffettwa l-arja ta' madwaru."

U din kienet tama ġdida, u għal ftit ħaffew il-pass, sa ma f'daqqa waħda, fil-bogħod raw li t-triq intemmet. Immiraw 'l hemm u għaġlu aktar, jinjoraw l-uġigħ fil-qiegħ ta' saqajhom.

"Dak donnu xatt," qalet Melanie meta qorbu biżżejjed li setgħet tara.

Karl ma qal xejn, għax kien qed jilheġ.

Ftit ieħor u waslu f'dak li Melanie sejħitlu xatt. Fil-fatt kien wieħed miż-żewġt iġnub, mibni minn briks ħomor, ta' kanal wiesa'. Waqfu fit-tarf tiegħu u ttawlu 'l isfel.

U hemm kien hemm ix-xmara ħamra li ssemmiet fil-kitba tal-oraklu.



Kienet ħamra għax il-qiegħ tagħha kien miksi b'ħaxix ta' lewn bejn aħmar u vjola, u l-ilmijiet fil-kanal irriflettew dawn l-ilwien, tant li donnhom kienu miżbugħin.

It-tfal qagħdu bilqiegħda fuq ix-xatt u ħarsu 'l isfel.

"Mela l-ktieb reġa' bagħatna fejn suppost inkunu biex insolvu kliemu," qalet Melanie, u tkellmet minn taħt l-ilsien, avolja kienet taf li ħadd ma kien hemm min jismagħha.

"Iva, imma xorta ma nafux x'se naqbdu nagħmlu," gerger Karl.

"Skont il-ktieb, din ix-xmara 'tnixxi mill-għajn tal-mard'," qalet Melanie, tpoġġi ħsibijietha fi kliem. "Ma nafx x'ried jgħid b'dik il-frażi."

"Tgħid qed jgħid għall-marda tal-virus, li qed tixtered mad-dinja?" staqsa Karl, għajnejh miftuħin beraħ.

"Ma nafx... imma hawn ħafna mard, mhux dik biss. Jista' jkun li qed jgħid għal xi marda oħra." Waqfet u qamet bilwieqfa. "Ejja nimxu max-xatt tax-xmara u naraw fejn twassal."

“Din tista’ tibqa’ sejra fit-tul ħafna,” reġa’ garr Karl li issa tassew kien għajjien.

“Imma ma hemm xejn aktar x’nistgħu nagħmlu,” qalet Melanie. Qabditu minn driegħu u għenitu jqum.

U reġgħu bdew jimxu. Minħabba li x-xatt kollu kien mibni mill-briks, saqajhom aktar weġgħuhom issa, u ma setgħux jgħaġġlu.

Damu siegħa mixjin u xejn ma nbidel, imma Melanie fl-aħħar indunat li l-kanal tax-xmara kien donnu qed jidjieq, u wara ftit bħal rat dell kbir quddiemhom, moħbi qalb iċ-ċpar li kien ma’ kullimkien.

Imxew ftit ieħor u bil-mod il-mod id-dell sar aktar solidu, u s-sema sar aktar imdallam, u f’daqqa waħda kienu qed isibuha diffiċli jieħdu n-nifs sew.

U wara ftit intebħu għaliex. L-ilmijiet tax-xmara kienu ħerġin minn ġo ħofra kbira ġol-ħajt ta’ bini enormi, bla twieqi u miksi bin-nugrufun. Kien bini li kellu ċumnija ġganteska u li minnha kien ħiereġ duħħan iswed li kesa s-sema.

# 7.
# Il-bini iswed

“Li tnixxi mill-għajn tal-mard,” qalet Melanie minn taħt l-ilsien hekk kif ħarset ’il fuq lejn il-bini tal-biża’.

“Imma għajn xi tfisser?” staqsa Karl, mifxul. “Għajn mhux din?” U pponta lejn għajnu l-leminija.

Melanie xenglet rasha. “Bil-Malti, għajn tfisser ukoll il-post minn fejn tibda xi ħaġa... fejn tibda x-xmara, pereżempju. Il-miss spjegatilna xi tfisser ‘ras il-għajn’ ftit ilu. Jiġifieri f’dal-kas tfisser is-sors tax-xmara. U jidher li l-għajn tax-xmara hu dak il-post maħmuġ, li qed iħarbat l-ambjent.”

“Jista’ jkun li għal dak kien qed jgħid l-oraklu meta semma l-mard, mela?”

“Naħseb,” qalet Melanie. “Id-diżastru li qegħdin nagħmlu mill-arja qed joqtol ħafna aktar nies mill-virus li qed jiġri bħalissa!”

“Mela meta Katie qalet li rridu nsalvaw id-

dinja... kienet qed tgħid għal dan," u pponta lejn id-duħħan iswed li mela s-sema.

"Jista' jkun," qalet. "Ma nafx. Li naf hu li x'aktarx li l-ilma tax-xmara vvalenat, u għalhekk il-ħaxix fil-qiegħ aħmar. Xi tip ta' kimika."

"Mela ma jistax jgħix il-ħut fiha."

"Le... jiġifieri mhux se nsibuha fix-xmara l-ħuta vjola li semma l-oraklu."

"Jekk ix-xmara valenuża... mhux ta' b'xejn li kullimkien deżert hawn," qal Karl li kultant kien jinħass aktar kbir fl-età milli tassew kien.

"Hekk hu," qalet oħtu. "Imma ngħid jien x'jista' jkun ir-rigal li tagħtina ħuta vjola li permezz tiegħu nistgħu nfejqu x-xmara?"

Karl xengel rasu. "Jien ma fhimt assolutament xejn." Imbagħad, "X'se nagħmlu, Melanie?"

"Nippruvaw naraw x'fih dal-post?" staqsiet.

"Għaliex? Mhux se jgħinna mmorru lura d-dar."

"Imma bħalissa dal-post biss hawn... forsi nsibu fih xi ħaġa li tgħinna nsibu l-ktieb biex

jeħodna lura. Il-ktieb jaf bih dal-post, għax li kien hemm miktub fih qiegħed hawn."

"Kif trid, imma jien naħseb li għalxejn." Imma ma garrx xħin bdew mexjin madwar il-bini iswed.

Lanqas tieqa waħda ma setgħu jaraw, imma meta daru għan-naħa ta' quddiem tal-bini kien hemm, fil-fatt, bħal bieb ċkejken, imbexxaq, li t-tfal setgħu jidħlu minnu. Imma ġewwa ma kien hemm xejn ħlief dlam, għalhekk ħallew il-bieb sokjuż biex tal-anqas l-ombra ta' barra setgħet titfa' mqar ħjiel ta' dawl, kemm jaraw fejn jimxu.

Mill-ewwel intebħu li fil-bini ma kien hemm ħadd.

"Mela minn fejn hu ġej id-duħħan?" staqsa Karl.

"Infittxu u naraw," qalet Melanie, li xtaqet dak il-ħin li kellha magħha l-keychain favorita tagħha, li magħha kellha torċ ċkejken, li ma tantx kien juri... imma hawn kien ikun ta' għajnuna kbira.

Il-bini kien kollu kemm hu kamra waħda

kbira fis-sular t'isfel, u deher li kien hemm kamra daqshekk ieħor kbira fis-sular ta' fuq. Isfel kien baħħ. Ma kien hemm xejn, u meta Karl sab it-taraġ għal fuq, in-naħa tax-xellug tal-kamra, damu jtellgħu u jniżżlu jekk jitilgħux. Fl-aħħar iddeċidew li jitilgħu. Melanie fetħet il-bieb beraħ biex jidħol kemxejn aktar dawl u b'hekk raw biżżejjed biex ma jinfixlux fit-tarġiet.

Daħlu f'sala kbira, u mid-dehra hemm kien hemm kollox. Magna ġganteska ġo nofs is-sala kienet qed iddur u tagħqad, rota ġo rota ġo rota, kollox bla waqfien, bin-nirien mibżuqa minn twieqi ċkejkna, u xrar imtajjar minn kullimkien. Kollox jitma' liċ-ċumnija li t-toqba tagħha kienet eżatt 'il fuq mill-magna. Għalkemm ma setgħux jaraw kif, it-tfal kienu ċerti li hawn kienet il-kawża tar-rovina tal-ambjent. Dik il-magna żgur li kienu bnewha l-bnedmin, imma issa ma kien hemm ħadd... kien baqa' biss il-magna, u l-magna kienet qiegħda teqred dik id-dinja.

"Nistgħu nwaqqfuha?" staqsa Karl, imbeżża'.

“Kif?” staqsietu Melanie. “Lanqas x’inhi ma nafu, aħseb u ara kemm nistgħu nkunu nafu kif inwaqqfuha.”

“Jiġifieri m’aħna ħa nagħmlu xejn?”

“Xejn ma nistgħu nagħmlu,” qalet Melanie, u d-dmugħ beda jaqbeż minn għajnejha. “Din bħad-dinja tagħna,” qaltlu, tolfoq, “aħna t-tfal qed ngħixu f’dinja mimlija arja ħażina, u mhux aħna l-kawża. Il-kawża dawk li jużaw il-karozzi għal xejn b’xejn, dawk li jibnu bla waqfien u jimlew l-arja kollha trab, dawk li jqaċċtu s-siġar u joqtlu l-ħdura.” U issa tassew kienet qed tibki bil-qalb.

Din kienet xi ħaġa għal qalbha ħafna Melanie, imma qatt ma kienet titkellem fuqha, għax beżgħet li l-kbar jeħduha kontra tagħha... inkella jwaqqgħuha għaċ-ċajt. Issa, f’din id-dinja ’l bogħod minn tagħha, fejn kienet qed tara b’għajnejha stess magna li ma kellha l-ebda użu, imma li kienet qed tiżra’ daqshekk qirda... hawn infaqgħet bħal bużżieqa.



Meta għaddielha rrabjat magħha nnifisha li kienet infasdet hekk. "Tagħtix kasi," qalet lil ħuha, timsaħ għajnejha bil-komma tal-piġama.

"Le, għandek raġun, Melanie. Jien ukoll kultant naħseb fuq hekk... imma ngħid li jien tifel żgħir u ma nista' nagħmel xejn biex ma nħallix lill-kbar jeqirdu lid-dinja tagħna."

Iva... kultant kien jinstema' akbar milli kien tassew Karl. Missilha qalbha u demgħa kbira żżerżqet minn għajnha għal fuq geddumha sakemm waqgħet fl-art ħdejn riġlejha.

U hemm, fejn messet id-demgħa, infetħet l-art u kolonna tal-irħam ħarġet b'saħħa kbira u waqfet soda quddiem Melanie.

U fuqha kien hemm statwa żgħira.

Ta' ħuta. Miżbugħa vjola.

# 8.
# Astorett ta' Meħti

It-tfal ħarsu lejha mibluha! Minn fejn kienet ġiet? U kienet tassew id-demgħa ta' Melanie li ġiegħlet lil dik il-kolonna titla' f'daqqa minn fejn kienet moħbija fl-art?

Karl xengel rasu. "Taf li dan kollu impossibbli, hux?" staqsa lil oħtu.

Hi ċaqilqet rasha. "Iva, naf. Xejn ma jagħmel sens. Min ippjana dan kollu kif kien jaf li jien se nibki eżatt fil-post fejn kien hemm il-kolonna?"

"Inkella," qal ħuha, "dik il-kolonna ma kinitx hemm... imma ġiet hemm appuntu għax bkejt."

Xenglet rasha. "Għalxejn nippruvaw nifhmu," qaltlu. "Xejn ma jagħmel sens. Imma issa sibna l-ħuta vjola li suppost tagħtina rigal prezzjuż."

Melanie poġġiet idha fuq l-istatwa tal-ħuta. Ma setgħetx tagħraf x'materjal kien li minnu kienet skolpita. Xi tip ta' alabastru? Kienet xi tip ta' ġebla. L-iskultura kienet sabiħa u ddettaljata

ħafna, bil-ħuta wieqfa fuq denbha, b'rasha 'l fuq. Daritha b'għajnejha, biċċa biċċa, tipprova tara jekk hemmx xi post fejn setgħet kien hemm moħba... xi mkien fejn seta' jinżamm dak ir-rigal li semma l-oraklu. Imma għalxejn. Dehret solida.

"Forsi l-ħuta stess ir-rigal," qal Karl meta waqfu jifluha u ma kienu sabu xejn. "Nistgħu neħduha magħna?" U pprova jċaqlaqha minn fejn kienet... imma dehret li kienet imwaħħla mal-kolonna. Ċeda. "Le," qal.

Melanie ddeċidiet li tipprova hi stess. Ħafnet il-ħuta b'idejha t-tnejn u għolliet 'il fuq u, għaġeb tal-għeġubijiet, għalkemm il-ħuta xorta baqgħet imwaħħla mal-kolonna, inġibdet 'il fuq, u nfetaħ bħal kexxun taħtha li ħareġ mill-kolonna stess.

U ġol-kexxun kien hemm ċurkett, b'ġawhra kbira fuqu li anke fid-dalma ta' hemm ġew kienet qed tleqq u tilma.

It-tfal ħadu nifs qawwi 'l ġewwa u Melanie daħħlet idha biex ġabret iċ-ċurkett. Bla ma ħasbet... bħallikieku kienet l-aktar ħaġa naturali tad-dinja... poġġiet iċ-ċurkett fuq is-suba' tan-

nofs ta’ idha l-leminija u nħasdet. Iċ-ċurkett kien sħun u beda jivvibra ħafif ħafif. Ħasset idha tintrefa’ ’l fuq... qisha tilfet il-kontroll tagħha... u ppuntat iċ-ċurkett lejn il-vojt ta’ nofs il-kamra.

U raġġ ta’ dawl qawwi qabeż minn ġoċ-ċurkett.

It-tfal tgħammxu u għal mument ma setgħu jaraw xejn ħlief beraq qawwi quddiem għajnejhom, imma hekk kif ħarsithom qagħdet sabu xi ħaġa ma’ wiċċhom li lanqas f’mitt sena ma kienu jistennewha.

Ma kinux aktar weħidhom.

Quddiemhom kien hemm raġel xiħ, b’daqna twila bajda, imgeżwer fi drapp li kien donnu liżar. Kien ħafi u kellu ħatar twil f’idu li donnu kien qed jistrieħ miegħu.

“Tibżgħux minni, tfal,” qalilhom b’Malti perfett. “Jien qiegħed hawn biex ngħinkom... fl-istess mod kif intom għentu lili.”

Karl u Melanie kienu mibluhin u ma felħux jiftħu ħalqhom! Lanqas mistoqsija waħda m’għaddiet

minn moħħ Karl xi jfajjar! Il-ħasda kienet qatgħetu minn ġewwa.

Ir-raġel tbissem u wiċċu bħal ħa d-dawl. U f'dak il-mument it-tfal kienu konvinti li dan kien raġel tajjeb... li setgħu jafdawh. Assolutament ma kellhom l-ebda idea minn fejn ġie dal-ħsieb, imma hemm kien, sod daqs l-azzar.

Id-dawl miċ-ċurkett kien batta ftit, imma xorta kien għadu hemm, jixgħel il-figura ta' quddiemhom.

"Jien mhux tassew qiegħed hawn," qalilhom. "Iċ-ċurkett li għandek fuq sebgħek, Melanie, qiegħed jipproġettani mill-belt ta' Meħti... u, fil-fatt, minn eluf ta' snin ilu." It-tbissima tiegħu żdiedet.

"Jiena Astorett... u l-ktieb li Katie sabet għand ir-regettier, hu tiegħi. Avolja Katie fil-fatt ma teżistix... ħlief għal dak li kitibha, u għal dawk it-tfal li jaqraw il-ktieb li jirrakkonta l-istorja tagħha... il-ktieb tiegħi jeżisti u kien hu li ġabkom hawn."

It-tfal kienu bdew jikkalmaw xi ftit, għalkemm



xorta kienu għadhom maħsuda... u xorta ma setgħux jemmnu lil għajnejhom u lil widnejhom.

Astorett kompla jitkellem.

“Intom qegħdin fid-dinja tiegħi kif inhi llum. Il-bnedmin, l-annimali, anke l-pjanti li darba kien hawn, mietu kollha. Meħti kienet dinja mill-isbaħ, bil-fjuri s-sena kollha u nies ta’ kull tip u għamla, kollha jgħixu hienja flimkien. L-annimali kienu ħbieb tagħna u jgħinuna f’kollox. Għal eluf ta’ snin din kienet is-sistema u kienet waħda tajba.”

Waqaf għal mument, qisu maħfun minn emozzjoni qawwija.

“Imbagħad l-affarijiet inbidlu. Żviluppat ir-regħba u wħud min-nies l-aktar influwenti ta’ Meħti riedu jżidu ma’ li diġà kellhom. Qabbdu inġiniera jibnu magni kbar li kienu jdaħħnu ħafna, imma li permezz tagħhom l-industrija mxiet ħafna ’l quddiem. Meta bdew imutu s-siġar, ħadd ma ta kas, għax l-aqwa l-magni, dejjem akbar, dejjem aktar b’saħħithom, biex kollox jimxi ’l quddiem.”

Reġa’ waqaf, u t-tfal ħalfu li raw demgħa tleqq taħt l-abjad ta’ għajnejh.

“Mingħajr siġar, l-arja saret kattiva magħna. Ħafna mardu. Imma l-magni saru dejjem akbar, jipproduċu aktar, imma jdaħħnu aktar ukoll.”

“Jekk trid tieqaf tgħidilna din l-istorja ma jkun ġara xejn,” qatgħetlu kliemu Melanie. Leħinha kien maħnuq, imma qalbha kienet qed tingħafas tarah daqshekk emozzjonali.

Astorett xengel rasu. “Le... importanti ħafna li intom, il-magħżulin, tkunu tafu l-istorja kollha,” qal. U kompla.

“Meta bdew imutu n-nies u l-annimali, dawk li kienu qrib tagħhom biss taw kas. L-oħrajn komplew jibnu magni dejjem akbar, dejjem ifjen, dejjem aktar b’saħħithom. Sa ma l-magni stess bdew jibnu l-magni. Il-bniedem ma baqax involut aktar. Il-magni ħadu f’idejhom it-tmexxija ta’ Meħta.”

U issa tassew kien qed jibki.

“U meta miet l-aħħar bniedem, ħadd ma kien hemm biex jinduna.”

# 9.
# Dinja ġo dinja

"Jiġifieri ma baqa' ħadd fuq din id-dinja?" staqsa Karl imbellah.

"Ħadd u xejn," qal Astorett, "ħlief din il-magna… l-aħħar waħda mill-magni l-kbar li qerdu lil Meħti. Hi titma' lilha nnifisha, li jfisser li mhi se tieqaf qatt il-qirda kontinwa tagħha. Jekk…" waqaf għal sekonda, "Jekk ma twaqqfuhiex intom."

"Aħna?" werżqu t-tfal flimkien.

"Aħna x'nistgħu nagħmlu?" staqsietu Melanie.

"L-ewwel irrid nispjegalkom għaliex intom qegħdin hawn," qal Astorett. "Intom parti minn pjan li ħloqt jien ħafna ħafna snin ilu… qabel mewti u l-mewt tad-dinja tiegħi."

"Jiġifieri inti mejjet?" għajnejn Karl kienu kbar daqs plattini.

"Fiż-żmien li qegħdin tgħixu fih intom, iva. Jien

ili li ħallejt din id-dinja ħafna snin. Imma l-jien li qed ikellimkom huwa raġel imsaħħar li jaf x'ġara fi żmien li jien bħala bniedem kont ngħix, u anke x'ġara wara li l-aħħar bniedem miet f'Meħti."

"F'Meħti jiena kont is-Saħħar tas-Sħaħar. Dan kien titlu li jingħata darba biss f'ġenerazzjoni sħiħa. U jingħata lill-aktar saħħar b'saħħtu tad-dinja. Dak kont jien." Ma kellux ħarsa fuq wiċċu ta' bniedem li qed jiftaħar. Il-ħarsa kienet ta' bniedem li qed jgħid fatt… li qed jirrakkonta l-verità.

"Kont jien li ntbaħt x'kien qed jiġrilha d-dinja tiegħi, u permezz ta' sħarijiet li ftit kienu jafu li jeżistu, stajt nara wkoll x'kien se jiġri. U għalhekk fassalt il-pjan li ġabkom hawn illum."

"Jeżistu ħafna dinjiet fl-Univers, u mhux kollha huma pjaneti li jduru ma' sistema solari. Naħseb li l-mod kif inhu mfassal l-Univers għamiltuh l-iskola, mhux hekk?"

Kemm Melanie kif ukoll Karl ċaqilqu rashom. Iva. Il-miss kienet għamlet lezzjoni sħiħa fuq hekk.

“Imma li ma tafux, u li ma jafux ix-xjenzati tad-dinja tagħkom, hu li hemm dinjiet li jokkupaw l-istess spazju ta’ dinjiet oħra. Il-kittieba tal-fantaxjenza tagħkom isejħulhom dimensjonijiet. Jiġifieri d-dinjiet huma bħal ħoloq ġo katina… differenti ħafna minn xulxin, imma parti minnhom tokkupa l-istess spazju. Diffiċli ħafna nispjegaha din. Imma tridu tifhmu li minħabba f’hekk, ma tistax tibni rokit biex tmur f’dinja oħra, trid bilfors tuża xjenza partikolari, inkella sħarijiet biex tkun tista’ taqsam minn dinja għall-oħra li jeżistu fl-istess dimensjoni.”

Karl deher dubjuż, imma Melanie wrietu li qed tifhem x’kien qed jgħid.

“Jiġifieri d-dinja tagħna u Meħti jaqsmu l-istess spazju?” staqsiet.

“Iva. Fhimtni. Hekk hu. Aħna s-sħaħar ta’ Meħti konna ilna ġenerazzjonijiet sħaħ nafu li kienu jeżistu dawn id-dimensjonijiet u s-Saħħar Asarti kien sab mod kif jittawwal minn speċi ta’ toqba fl-ispazju maqsum biex ikun jista’ jara



x'qed jiġri fuq id-dinjiet l-oħra li qasmu magħna d-dimensjoni. Imma ħadd ma kien irnexxielu jaqsam minn waħda għall-oħra."

"Imma inti rnexxielek, hux hekk?" staqsietu Melanie.

Ċaqlaq rasu. "Iva, għax kelli pjan u l-uniku mod kif seta' jirnexxi kien billi nkun nista' naqsam minn dinja waħda intradimensjonali għall-oħra."

Id-dwejjaq dellulu 'l għajnejh. "Sadanittant kont naf li ma kienx hemm tama għad-dinja tiegħi. Kont naf li kollox kien se jmut, u li d-dinja nnifisha qatt ma kienet se tirxoxta għax il-magni kienu se jibqgħu jaħdmu għal dejjem. U dak kien li xtaqt inwaqqaf. Ma kienx hemm mod kif inżomm l-aħħar annimal milli jmut… milli nżomm l-aħħar bniedem milli jmut… imma kien hemm mod kif nirxoxta d-dinja tiegħi wara dan kollu."

Waqaf. Donnu kien qed jaħseb kif se jpoġġi l-kliem li jmiss.

"Dak li intom taraw bħala ktieb, huwa fil-fatt il-bieb li jaqsam bejn dinja u oħra fl-istess spazju. Ħtieġli nipprepara dak kollu li kien hemm bżonn

biex meta jkun il-waqt, jintuża. Il-profezija tal-oraklu bil-lingwa tagħkom fil-ktieb, ngħidu aħna. Il-kolonna msaħħra bl-istatwa tal-ħuta fuqha li kellha titfaċċa jekk ikun hemm sinjal ta' emozzjoni marbut mal-qirda tal-ambjent. Iva, Melanie, id-demgħa tiegħek ħaddmet dak is-seħer."

"Hekk ħsibt jien ukoll meta fhimt x'kont qed tgħidilna," qaltlu t-tifla, wiċċha ruxxan bl-eċitament. Għax f'daqqa waħda kienet qed tħossha importanti. Hi u ħuha. Huma kienu l-"magħżula". Hekk kien iddeskriviehom Astorett. Imma xorta ma kinitx taf il-"magħżula" x'kellhom jagħmlu. Ittamat li Astorett kien se jgħidilhom.

U fil-fatt kien qed ikompli jitkellem.

"Iċ-ċurkett li tatkom il-ħuta vjola huwa ċ-ċavetta li permezz tagħha din il-projezzjoni tiegħi setgħet taqsam iż-żmien u l-ispazju," qal. "Bilfors ridt nispjegalkom kollox jien. L-ebda kitba jew mod ieħor ta' komunikazzjoni ma kien se jirnexxilu jfehemkom eżattament x'ġara, u dak li jrid jiġri."

“Baqa’ biss l-aħħar pjan tal-oraklu x’jitwettaq,” qal. “Li tfejqu x-xmara biex id-dinja tgħix.”

Melanie xenglet rasha. “Ma nafx kif għażilt lilna,” qaltlu, “imma naħseb li għamilt żball. Aħna ma għandna l-ebda poter biex inkunu nistgħu nfejqu x-xmara, u żgur ma nafux kif nistgħu ngħinu biex id-dinja tiegħek tgħix mill-ġdid.”

“Intgħażiltu minn miljuni ta’ tfal mid-dinja kollha,” qalilha. “Malta tagħkom, gżira ċkejkna li jmissha hi ġenna tal-art, għaddejja minn żmien ikrah minħabba fil-qirda tal-ambjent. U l-marda kiefra li qed tkiddkom bħalissa qed toħroġ x’għandhom ikunu l-prijoritajiet tagħkom. Il-Maltin, imsakkrin ġo djarhom, qed jimmissjaw il-ħdura tal-kampanja, is-sbuħija tas-siġar, is-sema blu mhux mgħotti minn bini għoli. Il-problema hi li anke meta jasal il-waqt li joħorġu minn djarhom, dawk mhux se jsibuhom.”

“Jiġifieri intom qegħdin fl-istadju fejn qed tirrealizzaw eżattament xi tliftu. Minħabba f’hekk,

it-tfal Maltin setgħu jwettqu l-pjan tiegħi. Mhux huma biss… imma huma kienu l-ideali.”

“Apparti mill-fatt li għadna ma nafux x’inhu l-pjan tiegħek,” qalet Melanie, li kienet bla paċenzja biex issir tafu, “ma nistax nifhem għaliex mit-tfal kollha ta’ Malta għażilt lilna.”

Astorett tbissem.

“Għax fikom hemm is-sħarijiet… għax, bla ma tafu, intom id-dixxendenti tal-qassisin il-kbar tas-sħaħar taż-żminijiet imbiegħda ta’ artkom.”

# 10.
# Sħarijiet midfuna

It-tfal baqgħu ċċassati lejh. Kienu semgħuh sew, imma xorta ma ridux jemmnu lil widnejhom.

“Trid tiċċajta, hux?” kien Karl li tkellem l-ewwel. “Din minn fejn qlajtha?”

“Inħobbuha ħafna l-familja tagħna,” kompliet miegħu Melanie, “imma ma naħsibx li aħna aktar speċjali minn ħaddieħor. Ma nistax nimmaġina li missier missirijietna kienu dawk li qed tgħid int.”

Astorett tbissem u baqa’ sieket għal ftit sekondi.

Imbagħad, “Intom ma tistgħux tkunu tafu,” qalilhom, “imma jien traċċajt in-nisel tar-razez kollha tal-familji fil-gżira tagħkom. Magħkom biss hemm linja diretta għall-qassisin il-kbar ta’ età tant ’il bogħod li issa mistura miċ-ċpar taż-żmien. Kienu qassisin li pprattikaw is-seħer, għax kellhom il-poteri jikbru naturali ġo fihom. U hekk

ukoll id-dixxendenti tagħhom. Kienu mfittxija mir-raħħala biex ifejjquhom mill-mard, biex iż-żargħa tikber fi snin ta' nuqqas ta' xita, biex l-annimali ma jmutulhomx. Kienu meqjuma bħala l-aktar membri importanti tas-soċjetà, sa ma tfaċċaw reliġjonijiet fil-gżira li ma kinux jaċċettaw is-sħarijiet, u missirijiet missirijietkom waqfu jipprattikaw, għax beżgħu li jitilfu ħajjithom."

"U mas-snin, is-sengħa tas-seħer intesiet, u l-ulied ta' dawk l-aħħar sħaħar, u wlied uliedhom, sal-lum, ma użawhomx il-poteri li hemm moħbija ġo fihom."

"Aħna m'aħniex sħaħar!" għajtet Melanie. "Lanqas biss tgħaddili minn moħħi ħaġa bħal din."

Astorett reġa' tbissem.

"Melanie, qatt f'ħajtek xtaqt xi ħaġa li ħassejt li kienet impossibbli li jkollok, u ftit wara nqatgħetlek xewqtek?"

Melanie ħasbet ftit. Ftakret fiċ-ċurkett tal-qlub li kien jiswa ħafna flus u li xtaqet fil-qalb ta' qalbha li jkollha ftit snin ilu. U ma qalet lil ħadd…

imma fil-birthday li kien imiss dak kien ir-rigal tal-mamà u l-papà. Ftakret fil-kollezzjoni ta' kotba ta' awtur favorit, imma li kienu għalkollox out of print… imma xorta xtrathomlha z-zija Mary.

Ċaqilqet rasha. "Iva… imma… ma tridx tgħid li jien kont qed nuża xi seħer li lanqas biss kont naf li għandi biex nieħu dak li xtaqt, hux?" Beżgħet mit-tweġiba tiegħu.

"Iva," qalilha, "u le. Il-poteri midfunin fik u f'ħuk. Imma hemm qegħdin. U meta x-xewqa għal xi ħaġa tkun kbira biżżejjed, farka minnhom taħdem weħidha u x-xewqa titwettaq. Ma kontx taf x'kont qed tagħmel, jiġifieri ma kont qed tagħmel xejn ħażin."

Imma xorta qabduha d-dwejjaq. Kienet ġiegħlet lill-ġenituri u liz-zija jagħmlu xi ħaġa kontra x-xewqa tagħhom?

Biss, ma' dawn id-dwejjaq kien hemm ukoll element ta' eċitament. Ħarset lejn Karl u ma kienx hemm dubju li hu wkoll kien qed jiftakar f'mumenti mhux spjegabbli… ta' xewqat imwettqa mingħajr spjegazzjoni.

“Xorta waħda ma nafx kif nistgħu ngħinuk,” qalet Melanie lil Astorett.

“Imma jien naf,” qalilha. “Il-pjan ilu miktub. Jonqos biss li jitwettaq.”

Għamel sinjal b’idu x-xellugija u f’daqqa waħda l-kamra mudlama mtliet b’dawl qawwi. Tant kien jgħammex li t-tfal kellhom jgħattu għajnejhom. Meta kixfuhom il-kamra xorta kienet għadha mixgħula, imma d-dawl ma kienx daqshekk qawwi li weġġagħhom.

U sadanittant il-magna baqgħet sejra, ir-roti jduru ġor-roti, in-nirien u l-ġamar jaqbżu u jtiru u d-duħħan jippompja minn ġoċ-ċumnija. Il-fatt li setgħu jarawha aħjar il-magna żiedet l-orrur tagħhom għal dan il-mostru maħluq mill-bniedem, u li kien qered lil sidu u d-dinja tiegħu.

Kien dak il-ħin li ntebħu li kien hemm Katie warajhom. U magħha kellha l-ktieb.

“This is for you,” qaltilhom, u poġġiet il-ktieb fl-art ħdejn riġlejhom.

“Tfal,” qal Astorett, u t-tbissima ma kinitx għadha hemm, “wasal iż-żmien li nqajmu fikom

dak li ilu rieqed minn twelidkom. Lesti li taċċettaw dan biex tkunu tistgħu ssalvaw din id-dinja?"

Karl ħares imbeżżża' lejn Melanie. Xengel ftit rasu. Ma kienx jaf x'għandu jaħseb. Ma kienx jaf x'għandu jagħmel. B'għajnejh kien qed jitlob lil oħtu biex tiddeċiedi għat-tnejn li kienu. Imma Melanie wkoll kienet mifxula ħafna. X'kien se jfisser għalihom li jkunu sħaħar? Hi m'għoġbitha xejn l-idea. Riedet tibqa' normali. Bħall-oħrajn. Mhux biżżejjed li ħajjithom tas-soltu kienet imkissra bħalissa? L-iskola magħluqa. Dejjem id-dar. Ma jistgħux jilagħbu ma' sħabhom... Dan kien jonqos.

Imma l-ħarsa fuq wiċċ Astorett kienet waħda li tqanqal ħniena. Hawn kien bniedem li mhux talli ħajtu nbidlet, talli l-istess dinja tiegħu ntemmet. Iva... tassew li l-ambjent tal-pajjiż tagħha stess kien għaddej minn bidla tal-biża'... imma mhux fl-estremità ta' qirda totali! Min jaf minn xiex għadda meta sar jaf x'kien se jiġri min-nies kollha ta' dinjietu... mid-dinja nnifisha li tant kien iħobb għax kienet daru.

"Naħseb li jkollna ngħidu iva, Karl," qaltlu



minn taħt l-ilsien. "Nistgħu ngħinu nsalvaw lil din id-dinja... ma naħsibx li għandna ngħidu le."

Karl ċaqlaq rasu bil-mod il-mod. L-idea ma kienet qed togħġbu xejn. Għalkemm kien imqareb, Karl mhux li tgħid kien tifel avventuruż, u din kienet avventura minn dawk il-kbar. Imma fehem lil oħtu u kien lest li jaċċetta d-deċiżjoni tagħha.

Melanie daret fuq Astorett. "Naċċettaw," qalet f'leħen kwiet.

Astorett inkina 'l quddiem. "F'isem dinjieti," qal, "grazzi mill-qalb." Iddritta, ċaqlaq idu, u l-ktieb infetaħ quddiemhom. Mhux fil-paġni ta' qabel. Lanqas fil-paġni tal-ħofra s-sewda. Dawn kienu paġni vojta għajr għall-istampi tal-qigħan ta' żewġ pari jdejn. Kien hemm par fuq paġna, u par kemmkemm iżgħar fuq il-paġna l-oħra.

"Inżlu għarkupptejkom, u poġġu l-pali ta' jdejkom fuq dawk li hemm stampati fil-ktieb," qal Astorett b'leħen li issa kien jinstema' solenni... bħal tal-qassis waqt il-quddiesa tal-festa, meta jkun qed jagħti l-barka.

Għamlu kif qalilhom.

Bħaċ-ċurkett, l-istampi tal-pali tal-id kienu qed jivvibraw ħafif u sħana fietla għaddiet minn ġo fihom għal ġo jdejn it-tfal. Damu hekk għal ftit sekondi. Astorett kien beda jintona xi ħaġa f'lingwa li ma fehmuhiex. Melanie għolliet wiċċha u nħasdet. Is-saħħar kien imdawwar bi sriep tan-nar u vleġeġ ta' dawl ikkulurit. Dirgħajh kienu mmattra quddiemu, b'subgħajh ippuntati lejhom.

U f'daqqa waħda, minn dawk is-swaba' qabeż raġġ ta' dawl qawwi li laqat il-ktieb li fuqu kienu qegħdin jistrieħu, u l-ktieb bħal iltewa madwar dirgħajhom, u mbagħad għattiehom bħal kutra kbira, u ħassew bħal taqliba kbira f'ġisimhom kollu.

Melanie ntebħet li kienet qed twerżaq, u 'l fuq mit-twerżiqa tagħha stess, semgħet dik ta' ħuha. Għal mument ħasbet li l-ktieb kien se jifgahom, għax għattiehom kompletament u kienu fi dlam ċappa... imma mbagħad... f'ħakka

t'għajn, inħall minn magħhom u mill-ġdid ifforma lilu nnifsu fix-xeħta ta' ktieb.

U t-tfal ħassew sturdament kbir, id-dalma niżlet fuqhom bis-sabta ta' blata kbira, u waqgħu fl-art mitlufin minn sensihom.

# 11.
# Fejjaq ix-xmara

Ma setgħux ikunu jafu kemm damu mitlufin. Setgħu kienu minuti, jew setgħu kienu sigħat. Il-ħin ma kien ifisser xejn għalihom f'daqqa waħda. Donnu... xejn ma kien ifisser xejn. Id-dalma li waqgħu fiha kienet totali u xejn ma kissirha. Kienet solida daqs metall mastizz. Kienet dalma siekta għall-aħħar. Kienet dalma li ddeffset f'kull rokna ta' moħħhom u qalbhom. Kienet id-dalma li ma tagħrafx li jeżisti d-dawl.

Ġew f'tagħhom flimkien. U f'daqqa. Ma kienx hemm dawk il-mumenti ta' ħedla li jiġu wara raqda twila. Qamu bilqiegħda flimkien u s-sensi kienu kollha ħajjin.

Aktar minn ħajjin, fil-fatt. Ħassew il-bidla kbira ġo fihom. Ħassew kull fil u barxa fl-art ta' taħthom; tiegħmu kull farka tal-arja li minnha kienu qed jieħdu n-nifs; analizzaw il-forma li kien

qed jieħu d-dawl li kien għad hemm, imqanqal minn Astorett.

Qamu bilwieqfa, mill-ġdid, flimkien. Qishom kienu bniedem wieħed.

Astorett kien għadu wieqaf quddiemhom, għajnejh jibbru, jifluhom.

"Kif tħossukom?" staqsa fl-aħħar.

Mistoqsija sempliċi. Imma t-tweġiba ma kinitx. Ma kinux jafu kif kienu qed iħossuhom. Is-sensi tagħhom kienu splodew. Kienu qed iħossu kollox... mhux biss jaraw u jisimgħu u jxommu, imma jħossu, bħallikieku kulma kien hemm madwarhom kien parti minnhom. Astorett donnu kien jafha t-tweġiba hekk kif kompla jiflihom, u ma stenniex ir-risposta tagħhom.

"Ix-xmara," qal, "ħierġa minn għajn f'qiegħ l-art hawn taħt. Il-magni li bnew dil-magna għaddew l-ilmijiet minn mal-magna biex tberridha. Ma kienx jimpurtahom li kienu wkoll qed imarrdu x-xmara, bil-ħxejjex fil-qiegħ... l-unika ħaġa ħajja li baqa' f'did-dinja, isiru radjuattivi u

jivvalenaw l-ilmijiet, joqtlu kull ħlejqa ħajja oħra ġo fihom."

"Jekk inwaqqfu x-xmara milli tgħaddi minn ġol-magna, ix-xmara tissaffa u maż-żmien tfiq."

"U l-magna?" staqsiet Melanie... u nħasdet, għax dak ma kienx leħinha. Kien aktar sod minn tagħha. Aktar ċert f'li qed jgħid.

"Jekk ma jkun hemm xejn xi jberred il-magna," qal Astorett, "tant tisħon li, jew tieqaf taħdem, inkella tisplodi. Waħda minnhom. Din l-aħħar mill-magni li qerdu d-dinja. Jekk tinqered hi, id-dinja tiegħi tkun tista' tistrieħ." U għajnejh reġgħu daru bid-dmugħ, u Melanie ħasset id-dwejjaq tiegħu daqslikieku kienu tagħha stess.

"U kif se nagħmlu dan?" Anke Karl instema' aktar ċert fil-mistoqsija tiegħu.

"Irridu nużaw is-seħer li għandna fina t-tlieta li aħna," qal Astorett. "Billi jien mhux tassew qiegħed hawn, nista' biss niggwidakom pass pass. Intom tridu tagħmlu x-xogħol."

"Meta trid," qalet Melanie, u qatt ma

ħassitha daqshekk ċerta minnha nnifisha tul ħajjitha kollha.

Astorett ċaqlaq rasu. "Tajjeb wisq," qal. "Imxu miegħi." U beda miexi lejn it-taraġ bit-tfal warajh.

Niżlu u sabu rwieħhom fil-kamra ta' isfel, fejn kienu daħlu f'dak il-bini kbir. Imma Astorett ma waqafx. Mexa lejn rokna tal-kamra u sabbat tliet darbiet mal-art bil-ħatar tiegħu.

U bokkaport moħbi nfetaħ bil-mod il-mod u b'żaqżiqa. Għamel sinjal lit-tfal biex imorru warajh, u niżel it-taraġ li nkixef meta nfetaħ il-bokkaport.

Sabu rwieħhom issa ġo kamra oħra, kbira daqs it-tnejn li kien hemm fuqha. Imma din ma kinitx vojta. Kien hemm bħal sienja kbira, b'rota daqs dinja ddur u tiġbor l-ilma ġieri nadif minn radda fl-art, imbagħad titma' l-ilma lil katusa kbira li għebet ġos-saqaf. Imma pass 'il bogħod, katusa oħra akbar minnha nieżla minn ġos-saqaf kienet qed tiġbed l-ilma lura. Biss issa l-ilma kien

imdardar u aħmar, avvelenat mill-magna mostru tat-tielet sular.

Astorett ipponta lejn is-sienja. "Irridu neqirdu dik," qal.

Melanie ħarset lejh ħosbiena.

"Imma, ngħid jien, jekk l-għan tagħna hu li neqirdu l-magna, mhux aħjar neqirdu lilha mill-ewwel?"

Astorett xengel rasu.

"Il-poteri tas-sħarijiet tagħkom... is-seħer li hemm ġo fikom... għadu fil-bidu tiegħu. M'għandkomx is-saħħa li hemm bżonn biex inkissru dak il-mostru," qal, u kellu d-diqa f'leħnu. "Imma din iżgħar. Magħmula minn azzar ittemprat li żviluppaw ix-xjenzati ta' Meħti. Jiġifieri l-ebda bniedem ma jirnexxilu jkissirha din is-sienja. Għalhekk l-uniku mod hu permezz tas-sħarijiet li, f'ċerti affarijiet, jisbqu lix-xjenza."

"Lesti," qal Karl. "X'irridu nagħmlu?"

"Żommu id xulxin," qal Astorett. "Għalqu għajnejkom u kkonċentraw fuq il-qirda tas-



sienja. Taħsbu fuq xejn aktar ħlief fuq hekk. Tħallu l-ebda ħsieb ieħor jiddevjakom. Fuq hekk biss."

It-tfal ċaqilqu rashom fi qbil u waqfu dritti quddiem is-sienja. Karl ħataf id oħtu u għafasha. Għalqu għajnejhom u ħasbu fuq il-qirda tas-sienja. U xtaquha b'qalbhom kollha... għax f'moħħhom ma kienx hemm biss id-dinja ta' Astorett, li l-ambjent tagħha kien inqered minn dawk l-istess bnedmin li ma setgħux jgħixu mingħajru, imma wkoll id-dinja tagħhom, li dehret li kienet għaddejja mill-istess proċess. Ħsiebhom kien sod, u wieħed.

Id-dawl abjad madwar il-projezzjoni ta' Astorett beda jiddi aktar bil-qawwi issa, hekk kif kien qed jintona seħer fil-lingwa tiegħu. Għal widnejn it-tfal, donnu kien qed ikanta... għanja melankonika, ta' dwejjaq, tielgħa u nieżla qisha trid toħroġ mid-dwejjaq imma mill-ewwel tinġibed lura 'l isfel.

U bil-mod il-mod bdew iħossuha. Il-qawwa kbira li bdiet tielgħa bil-mod il-mod f'ġisimhom, isserrep mill-idejn li kienu qed iżommu 'l xulxin,

tidħol u toħroġ minn wieħed għall-oħra. Dik ukoll kienet għanja, imma mhux waħda ta' dwejjaq. Kienet sinfonija tirbombja, bl-istrumenti kollha tal-orkestra fl-akbar armonija. Kienet splużjoni ta' saħħa kbira li qatt ma kienu jafu li kellhom.

U nirien qawwija, imma li ma kinux jaħarqu, ħarġu minn ġo fihom u żifnu madwarhom, u semgħu, għall-ewwel bil-mod, imma b'ħoss dejjem jiżdied, it-tiżrit ta' metall; tisbit u tkissir, sa ma ħoss idamdam mela l-kamra, li kien bħal martell enormi fuq inkwina ġganteska.

Imbagħad kien hemm is-skiet. U ħassew in-nirien ibattu minn madwarhom. U bil-mod il-mod fetħu għajnejhom biex jaraw x'kien għamel dan l-ewwel att ta' seħer tagħhom.

# 12.
# Biex id-dinja tgħix

Is-sienja ma kinitx għadha teżisti. Kienet issa blokka bla forma ta' metall mgħaffeġ. Is-seħer tagħhom u ta' Astorett kien taħanha!

U l-ilmijiet tax-xmara ma kinux aktar qed imorru fil-katusa li kienet tagħti għas-saqaf, u t-tieni katusa kienet nixfet, bi qtar biss ta' ilma jċarċar ħafif minnha.

L-ilmijiet ġierja, nodfa, kienu għaddejjin minn gandott kbir fl-art li ftit qabel kien niexef għax l-ilmijiet li suppost kellhom jgħaddu minnu kienu ddevjati għal ġol-katusa. Melanie ħalfet li l-ħoss tal-ilma għaddej b'ġirja lejn it-toqba li minnha mbagħad kien se jtir għal ġox-xmara kien qed ikanta kanzunetta ferrieħa.

"Issa importanti ħafna li toħorġu minn hawn malajr kemm jista' jkun, tfal," qal Astorett, li kien diġà beda tiela' t-taraġ għal ġol-bokkaport.

It-tfal fehmu l-urġenza u ġrew għal warajh.

Telgħu fil-pjan ta' fuq u marru dritt għall-bieb li wassal għal barra. Imma hekk kif kienu se joħorġu, Astorett waqqafhom.

"Jiensenħallikomhawn," qalilhom. "Iċ-ċurkett tal-ħuta l-vjola kien magħmul biex jipproġetta biss fl-ambjent ta' dak il-bini maħmuġ."

"Kif se mmorru lura d-dar?" staqsa Karl, li kien imbeżża' li qatt ma kien se jirnexxilhom jitilqu minn Meħti.

Astorett tbissem. "Tinkwetawx fuq hekk," qalilhom. "Se nitlaq minn hawn, imma b'xi mod jew ieħor, dejjem se nkun magħkom... aktar u aktar fil-waqt li s-sħarijiet tagħkom se jikbru. Meta jkollkom bżonni se ssibuni. Mhux aktar f'din il-forma, imma f'ħafna forom oħra. Issa jkolli nsellmilkom. Grazzi. Grazzi ta' dak kollu li għamiltu għal dinjieti. Jalla intom u t-tfal l-oħra kollha ta' pajjiżkom jirnexxilkom ukoll issewwu dak li nkiser... għax mingħajru ma tgħixux ferħanin."

Xejrilhom b'idu x-xellugija, beda jiddaħħan, sar ċpar, u żvinta fix-xejn.

"Issa nfittxu noħorġu, u mmorru 'l bogħod

kemm nistgħu minn hawn," qalet Melanie meta kien għeb għalkollox.

U hekk għamlu. Ġrew kemm felħu, u wara ftit, il-bini iswed ġgantesk kien biss tebgħa fiċ-ċpar li donnu kien hemm il-ħin kollu f'dik il-parti ta' dik id-dinja.

U dak il-ħin, ħoss qawwi damdam kullimkien, tant li ħassewhom jaqgħu fl-art bla ma riedu. Immaġinaw il-ħoss ta' sajjetta li tfaqqa' eżatt fuqkom... immultiplikawha b'mija. Dak kien il-ħoss.

Meta felħu jgħollu rashom, raw nar kbir iħeġġeġ fejn qabel kien hemm il-bini l-iswed. Nar feroċi li tajjar ilsna enormi lejn is-smewwiet griżi.

It-tfal poġġew bilqiegħda fejn kienu u rawh jaqbad. Tant kien qawwi, li ma damx jaqbad ħafna, u ntefa qisu mhux hu, iħalli floku daħna ħafifa, u baħħ fejn qabel kien hemm il-bini tal-magna mostru.

Il-kurżità għelbithom u mxew bil-mod il-mod lejn xatt ix-xmara. Meta waslu ttawlu lejha... u,



għaġeb tal-għeġubijiet, il-ħmura kienet diġà dabet, u li raw kienu ħxejjex ħodor u ilma nadif.

Ħarsu lejn xulxin mibluha.

"Kif jista' jkun daqshekk malajr?" staqsa Karl.

Melanie xenglet rasha. Ma kellhiex tweġiba għal ħuha. Minflok ħarset madwarha. Twerżiqa rqiqa ta' sorpriża ħarbitilha qabel ma setgħet trażżanha.

"Ħares, Karl," qalet, tipponta f'ċirku madwarha.

Karl ħares u nħasad.

Madwarhom, l-art donnha deżert kienet bdiet tinkesa b'ħaxix aħdar, donnu roll ta' tapit qed jinħall, irrumblat minn id inviżibbli. U hemm ukoll, mill-art, kienu qed jispuntaw bħal xtieli li malajr malajr inbidlu fi zkuk ta' siġar.

"Donnhom dawk il-vidjos li naraw fuq YouTube," qaltlu Melanie. "Meta jgħaġġluhom. X'jgħidulhom?"

"Time lapse," kien pront qalilha Karl, li kien iħobb jarahom ħafna.

"Iva, imma din ta' veru. Ma hemm l-ebda

kamera jew software li qed jgħaġġel li qed naraw. Dan tassew qed jiġri b'ħeffa impossibbli."

Kienu issa ġo bosk ħafif, imdawrin b'siġar għadhom żgħażagħ.

"Mela dan kien il-pjan ta' Astorett," qalet it-tifla.

"Imma mhux se jikbru l-bnedmin u l-annimali," qal Karl imdejjaq.

"Le... imma ma tistax tgħid kif tnebbet ħajja ġdida la d-dinja issa m'għadhiex deżert."

"It's time to go home," qal leħen minn warajhom. Daru u raw lil Katie, titbissem, tħaddan magħha l-ktieb kbir tagħha.

"You did a really good job," qaltilhom. "But your work here is done. You need to go back to your own world for the job there to begin."

Tbissmulha u hi poġġiet il-ktieb fl-art u fetħitu fejn kien hemm iż-żewġ paġni suwed. "This is goodbye," qaltilhom. "I might not really exist except for people who like to read, but it has been a pleasure to meet you." U t-tbissima tagħha ċċarrtet aktar. It-tfal għannquha, daru

u qorbu lejn il-ktieb. U dak l-istess riħ ta' qabel ħatafhom u ġibidhom għal ġo fih.

Reġgħu għaqdu u żifnu mal-qawsalli u ċ-ċrieki oħra ta' lwien iberrqu, u f'kemm ili ngħid sabu rwieħhom fuq is-sodda ta' Melanie, fis-skiet ta' kamritha.

"Kif se nispjegaw dan kollu lill-mamà u l-papà?" qal Karl, imħasseb. "Minn jaf kemm inkwetaw fuqna. Ilna li tlaqna minn hawn. Biss biss ara kemm domna nimxu."

Imma Melanie xenglet rasha. "Ħares lejn l-arloġġ," qaltlu. "Tiftakar li tlaqna minn hawn xi l-erbgħa u kwart ta' billejl... niftakarni niċċekkja l-ħin kif ġiet Katie fil-kamra, u kienu l-erbgħa. Ħares x'ħin hu issa."

Karl ħares. "Kif jista' jkun?" staqsa mibluh. "Kif jista' jkun li għadhom il-ħamsa u kwart ta' billejl?" U waqt li ċċekkja l-mobile li Melanie kellha fuq il-komodina, kompla, "Iva, għadu l-istess lejl li fih tlaqna minn hawn."

"Bilfors li l-ħin t'hemm u t'hawn jingħadd

f'mod differenti. Dak li ħa ammont kbir ta' ħin fuq Meħti, ħa biss siegħa hawn."

"Dan ifisser li lill-mamà u l-papà nistgħu ma ngħidulhom xejn fuq dan kollu."

"U inti taħseb illi kieku stajna ngħidulhom kienu se jemmnuna?" qalet Melanie. Tbissmet. "Imma aħjar immorru fil-kamra tal-banju u naħslu saqajna, għax bil-mixi saru żibel. Ftakar li mxejna ħafjin."

Karl ċaqlaq rasu biex juriha li kien qed jaqbel. Imma kellu ħarsa ta' diqa fuq wiċċu.

"X'ġara?" staqsietu oħtu.

"Erġajna maqfulin ġewwa... ma nistgħux niltaqgħu ma' sħabna. L-iskejjel magħluqin. Nimmissjahom," qal. "Kemm nixtieq jista' jkollna avventura oħra."

"Jista' jkollok avventuri kemm trid kemm indumu magħluqin hawn minħabba fil-marda li qed tiġri mad-dinja," qaltlu.

"Kif?" staqsieha ħuha.

"Permezz ta' dawn," qaltlu. U qabdet ftit

kotba minn fuq l-ixkaffa u poġġiethom ħdejh. "Ftakar li din l-avventura kollha bdiet minn ktieb," qalet b'daħka.

"Veru, kos. Ġisimna se jkun magħluq id-dar, imma moħħna jista' jmur fejn irid. Okej... ikkonvinċejtni. Għada se nibda ndur il-kotba li għandi." U tbissem, għax f'daqqa waħda l-idea kienet qed togħġbu ħafna.

"Ħasra li ma nistgħux nużaw is-sħarijiet tagħna hawn biex nirranġaw l-ambjent," qalilha f'daqqa.

Xenglet rasha. "Le, ma nistgħux," qaltlu. "Imma għaddieli ħsieb. Il-Maltin maqfulin fi djarhom biex jevitaw il-virus ma jsuqux karozzi. Il-mamà mhix se twassalna aktar l-iskola. Forsi l-ambjent tagħna se jirbaħ minħabba f'dan iż-żmien ikrah għalina. Fl-istess mod kif in-nies ta' Meħti batew ħafna biex id-dinja tagħhom terġa' titwieled... forsi din it-tbatija qed tgħin l-ambjent ta' pajjiżna jerġa' jitwieled."

Karl għolla spallejh. "Min jaf?" qal. "Forsi iva,

u forsi le. Issa aħjar naraw x'se nagħmlu biex la jqumu l-mamà u l-papà jsibuna reqdin."

U qabeż minn fuq is-sodda u mexa lejn il-bieb. Dar, u ħares lejn oħtu fejn kienet fuq is-sodda. "Din ma ħlomnihiex, hux?" qal.

Oħtu għolliet idha 'l fuq, u bħal mewġa ta' dawl ħarġet minnha. Karl għolla tiegħu u laqa' l-mewġa, u għal mument iż-żewġt itfal bdew jiddu b'dawl li ħareġ minn ġo fihom. Wara ftit sekondi, id-dawl batta u mbagħad għeb.

"Le," qaltlu Melanie. "Ma ħlomnihiex."





# L-Avventura Msaħħra ta' Melanie u Karl

L-iskejjel ta' Malta u Għawdex ingħalqu kollha minħabba l-imxija ta' virus ikrah li qed jinfetta l-pajjiżi kollha tad-dinja. Melanie u Karl ukoll jispiċċaw maqfulin id-dar mal-ġenituri tagħhom, ma jafux x'se jaqbdu jagħmlu b'ħinhom, għalkemm Melanie tħobb ħafna l-qari.

Tirrakkonta l-istorja li qed taqra lil ħuha... dwar tifla jisimha Katie, li tixtri ktieb antik li, iżda, ma għandu l-ebda kitba fih. Imma l-ktieb jgħannilha u jeħodha post 'l hemm mid-dinja tagħna.

Imbagħad, f'daqqa waħda, Katie u l-ktieb qadim tagħha jżuru lil Melanie. U hemm tibda storja mimlija fantasija li fiha t-tfal iħabbtu wiċċhom ma' perikli u ġrajjiet fantastiċi.

U jitgħallmu xi ħaġa dwarhom infushom li żgur qatt ma kienu jafuha.

Ktieb miktub apposta mill-awtur u illustratur Ġorġ Mallia biex jingħata b'xejn f'forma elettronika bħala rigal lit-tfal Maltin u Għawdxin kollha li jinsabu d-dar minħabba fl-għeluq tal-iskejjel.

Barra li hu kittieb, illustratur u kartunist, il-Professur Ġorġ Mallia huwa l-kap tad-Dipartiment tal-Midja u l-Kommunikazzjoni, fil-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, fl-Università ta' Malta.

Il-kotba tiegħu għat-tfal jinkludu s-sensiela ta' *Pullu* (Klabb Kotba Maltin), *Il-Professur Għasfur* (Merlin), u *Sigurd and the Tree of Life* (Horizons). Għadu kif ippubblika ġabra ta' poeżiji (*My love had eyes of blue and dreams*) u f'Marzu 2020 kellu wirja ta' pitturi diġitali, li hu sejjaħ poeżiji viżwali (*Rhapsody-in-Pain)* f'111 Art Gallery.

www.gorgmallia.com

9 789995 717209 >

NISSE